**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 2 ta` Dicembru 2015**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**Vs**

**SILVIO NAUDI**

**Kump.Nru. 994/2002**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Silvio Naudi detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 382855(M)** gie akkuzat talli fis-17 ta' Novembru 2001, u f'dati precedent fi Gwardamangia u fi bnadi ohra b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz, jew kwalifiki foloz, jew billi inqdejt b'qerq iehor, ingann, jew billi urejt haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamilt qliegh ta' LM22,000 bi hsara ta` Kristine Bonnici. U dan bi ksur tal-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali tal-4 ta` Dicembru 2002 sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment;

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta' l-Ufficjal Prosekutur u ta` l-Avukat Difensur.

Tippuntwalizza illi parti sostanzjalment kbira ta` dawn l-atti kellhom jigu rikostruwiti wara li kienu gew, flimkien ma processi ohra, severament danneggjati in segwitu ghal hruq li kien hakem l-Awla fejn kienu qed jinzammu;

Tippuntwalizza wkoll illi dan il-process (fost hafna ohrajn) ghadda ghand din il-Qorti kif presjeduta, bis-sahha ta` assenjazzjoni ufficjali li saret bejn Awwissu u Settembru tas-sena 2013.

Minnufih din il-Qorti sejra tiddikjara li mhux ser tiehu wisq fit-tul biex iggib fit-tmiem dan il-kaz li ilu pendenti mis-sena 2002.

**Ikkunsidrat**;

Mhux l-istil ta` din il-Qorti li fis-sentenza toqghod tirriproduci dak kollu li jkun sehh waqt il-procediment; wara kollox, dak kollu li jkun sar u nstema jkun fil-process. L-importanti hu li l-Qorti tqis dettaljatament r-rizultanzi processwali kollha u fl-ahhar tara jekk il-prosekuzzjoni tkunx wasslet il-kaz taghha sal-grad tal-prova li trid il-ligi.

Illi din il-Qorti qrat u fliet l-atti u ma ssib ebda diffikolta`, anzi thoss li ghandha tirrileva, anki f'dan l-istadju tant bikri ta` din is-sentenza, illi dan il-kaz ma kien messu qatt spicca fi hdan il-Qrati ta` Gustizzja Kriminali.

Il-kwadru tal-fatti, fil-qosor hafna, rizultanti mill-provi huwa s-segwenti. Certu Virgilio Pirrone ssellef jew gie moghti xi flus minghand Christine Bonnici. Huwa mbaghad kien ghadda dawn il-flus lill-imputat ghal xi investiment (anki jekk irrizulta li ma kien hemm investiment xejn izda dawn il-flus kienu jintuzaw biex jithallsu numru ta` uzurai li kienu hakkmu lill-imputat). Meta mbaghad l-imputat ma tax il-flus lura lil Virgilio Pirrone, l-istess Pirrone qal lil Christine Bonnici li ma setghax ihallasha lura ghax ma

kienx gabar il-flus. Sa dan il-mument, Christine Bonnici u l-imputat la kienu jafu lil xulxin u lanqas qatt kienu ltaqghu.

Sussegwenti ghal dan, saret laqgha bejn Virgilio Pirrone, Christine Bonnici u l-imputat, fil-prezenza ta` Chris Cachia. Jidher li l-imputat ipprezenta ruhu b'tali mod li kien accetta li jhallas lil Christine Bonnici. Pero` xejn ma deher li gie konkretizzat f'din il-laqgha.

Sussegwenti ghal dan kollu u f'gurnata partikolari meta l-imputat kien qieghed rikoverat l-isptar, Virgilio Pirrone mar hdejh u talbu johroglu erba cekkijiet biex ikun jista jghaddiehom lil Chris Cachia, li kien qed jiehu parti attiva hafna f'din il-kwistjoni. L-imputat informah li ma kellux flus fil-kont. Virgilio Pirrone qallu li c-cekkijiet ma kienux intizi biex jissarrfu izda biss sabiex l-imsemmi Chris Cachia juriehom li xi hadd fuq kuntratt sabiex bhal speci juri li kellu sahha finanzjarja. Fuq dan id-diskors, l-imputat ghadda erba cekkijiet *post dated* lil Virgilio Pirrone. Minn naha tieghu dan Pirrone ghaddiehom lil Chris Cachia, u effettivament qallu li ma kellux isarraf dawk ic-cekkijiet ghax ma kienx hemm fondi fil-kont.

Gara illi Chris Cachia ghadda dawn ic-cekkijiet lil Christine Bonnici, u meta marret biex issaraf dawn ic-cekkijiet, dawn gew *referred to drawer* peress illi fil-kont ma kienx hemm fondi. U naturalment, a bazi ta` dan kollu inbdew dawn il-proceduri penali.

**Ikkunsidrat**;

Hareg car u minghajr ebda ekwivoku mill-provi prodotti – partikolarment mix-xhieda tal-prosekuzzjoni stess, Christine Bonnici, Chris Cachia u Virgilio Pirrone - illi bejn l-imputat u Christine Bonnici ma kien ebda relazzjoni. Fil-mument li Christine Bonnici telqet il-flus minn idejha u tathom lil Virgilio Pirrone, hija la qatt qabel kienet iltaqet ma l-imputat, la kienet tafu, u lanqas qatt ma nnegozjat jew ghamlet relazzjoni kuntrattwali mieghu.

Ghal dak li jirrigwarda l-hrug ta` l-erba cekkijiet, Virgilio Pirrone kien jaf li ma kienx hemm fondi fil-kont u kien l-istess Pirrone li ghadda c-cekkijiet lil Chris Cachia, li

minn naha tieghu gie nfurmat li ma kellux isarraf dawk ic-cekkijiet ghax propju ma kienx hemm fondi fil-kont .

Illi lanqas bl-aqwa tigbid ta` l-immaginazzjoni ma jista qatt jirizulta li l-imputat b'xi mod li jkun ghamel xi haga li biha nganna lil Christine Bonnici. Hareg car f'dan il-process illi l-anqas it-transazzjonijiet bejn Virgilio Pirrone u Christine Bonnici u/jew Chris Cachia ma kienu cari.

Din il-Qorti rat numru sostanzjali ta` sentenzi in materja. Hawnhekk sejra tirriproduci dak migjub fis-sentenza tal-**Qorti ta` l-Appell Kriminali** tat-30 ta` Dicembru 2004 (App Nru **130/2003 VDG**) fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Carmela German" :

In tema legali gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-12 ta' Frar, 1999 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Anthony Francis Willoughby*** li: **"Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf partimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent (*Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul*, App. Krim., 20/6/97; ara wkoll *Il-Pulizija v. Daniel Frendo*, App. Krim., 25/3/94). Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent (*Il-Pulizija v. Carmel Cassar Parnis*, App. Krim., 12/12/59, Vol. XLIII.iv.1140). Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f' "raggiri o artifizi" – dak li fid-dottrina jissejjah ukoll *mise en scene* – ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat) (ara, fost ohrajn, *Il-Pulizija v. Carmelo Cassar Parnis*, App. Krim., 31/10/59, Vol. XLIII.iv.1137; *Il-Pulizija v. Francesca Caruana*, App. Krim., 25/7/53, Vol. XXXVII.iv.1127; ara wkoll *Il-Pulizija v. Giuseppe Schrainer*, App. Krim., 3/3/56)."**

Imkien mill-provi ma jirrizulta li Christine Bonnici giet b'xi mod ingannata, almenu mill-imputat. La ma jirrizultax l-element ta` l-ingann da parti ta` l-imputat, huwa ma jistax jinstab hati ta` truffa jew ta` frodi innominata.

Jirrizulta evidenti li l-kwistjoni kollha f'din il-kawza kienet wahda zgur mhux ta` natura penali fil-konfront ta` l-imputat u ma kienx hemm lok, *ab initio*, ghall-procediment kriminali. Din il-Qorti thoss li ghandha tigbed l-attenzjoni ta` l-awtoritajiet li

jipprosegwixxu fil-Qrati ta` Gustizzja Kriminali, ghal dak li sostniet il-Qorti ta` l-Appell Kriminali.[1]

> ***Anke mad-daqqa t'ghajn hu evidenti li l-kwistjoni li kien hemm bejn …………….. kienet wahda ta' natura purament civili. …………….. F'dan ir-rigward il-Pulizija kjarament agixxiet hazin. Din mhix l-ewwel darba li din il-Qorti kellha ticcensura lill-Pulizija meta din, flok ma tezamina l-kaz sew biex tara jekk verament hemmx l-elementi kollha – ghall-anqas prima facie – biex tipprocedi kriminalment, taqbad u tiehu t-triq l-aktar facli li takkuza lil dak li jkun quddiem il-Qorti. Ma hux sew li l-Pulizija u l-proceduri kriminali jigu strumentalizzati biex tigi ezercitata pressjoni fuq dak li jkun biex jezegwixxi xi obbligu civili meta fl-istess waqt il-provi li jkollha l-Pulizija f'idejha ma jkunux juru li verament hemm kaz ta' reat.***

**Konkluzjoni.**

**GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI** ssib u tiddikjara lill-imputat **Silvio Naudi** mhux hati ta` l-imputazzjoni kollha kif dedotta kontra tieghu u konsegwentement minnha tilliberah skond il-ligi.

Dr Ian Farrugia LLD

Magistrat

Marica Mifsud

Deputat Registratur

[1] Ara App. Krim 21/03 VDG - 23/12/2003 "Il-Pulizija vs Avukat Dr Siegfried Borg Cole";